MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 212/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Attard**

**vs**

**Samuel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellat Samuel Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 174089M akkuzat talli:

Fit-28 ta' Dicembru, 2012 ghal-habta tas-02:00hrs fi Triq Gorg Borg Olivier, Rabat:

(1) Saq vettura Nru: CBT-718 b'velocità eccessiva.
(2) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru: CBT-718 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

(3) W’ aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru: CBT-718 fit-triq jew f’post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fit-23 ta’ April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat il-ligi, peress li ma rrizultax illi kien hemm zewg analizi mehudha tal-akkuzat kif trid il-ligi; fic-cirkostanzi, fuq nuqqas ta’ provi illiberat lill-appellat.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pperezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fl-14 ta’ Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti: sabiex joghgobha

(a) **tħassar u tirrevoka** s-sentenza u
(b) **minflok** issib lill-imputat appellat **ħati** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u
(c) **tinfliġġi l-piena** kontra tieghu skond il-Liġi.
Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali:

Illi fit-2 ta’ Mejju 2013, l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi li fil-fatt wasslet ghall-enunċazzjoni żbaljata tal-provi u għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontrih u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) irriteniet wara li rat il-ligi, illi “Peress illi ma jirrizultax illi kien hemm zewg analizi

mehuda tal-akkuzat kif trid il-ligi", kienet qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Illi l-esponent jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati kienet hawnhekk ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi. Illi dan qed jinghad ghaliex l-LS 65.16, ossia ir-Regolamenti Dwar it-Testijiet tan-Nifs, jaghmlu distinzjoni cara bejn l-apparat jew strument li jintuza mill-pulizija sabiex jiehdu t-testijiet tan-nifs, meta jitkellmu dwar in-numru ta' drabi li ghandhom jittiehdu testijiet tan-nifs :-

(i) Illi ai termini tar-Regolament 6(1), meta jigi uzat l-istrument muri fit-Tieni Skeda, ossia Lion Intoxilyzer 6000, ghandhom jintalbu zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi,
(ii) Illi pero ai termini tar-Regolament 7(1), meta jigi uzat l-istrument muri fit-Tielet Skeda, ossia Lion Intoxilyzer 8000, ghandu jintalab kampjun tan-nifs wiehed;

Illi jirrizulta manifestament mill-atti li f'dan il-kaz, l-istrument li ntuza mill-pulizija kien il-Lion Intoxilyzer 8000 u dan bhal ma jirrizulta mir-rapport tal-breathylser tests ezebit mill-prosekuzzjoni a fol 12. Illi ghaldaqstant fil-kaz odjern huwa applikabbli r-Regolament 7(1) hawn fuq citat u ghaldaqstant kellu jintalab kampjun tan-nifs wiehed, kif fil-fatt jirrizulta li sar.

Illi fid-dawl ta' dak kollu fuq suespost, l-esponent huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi, li wasslet għall-liberatorja inġustifikata tal-imputat appellat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-28 ta' Dicembru ta' l-2012 ghal habta ta' 2.00 hrs il-Pulizija giet infurmata li kienet saret habta fi Triq George Borg Olivier r-Rabat. Meta l-Pulizija marret fuq il-post, sabu li lix-xufier tal-vettura CBT-718, l-appellant Samuel Farrugia, kien tilef il-kontrol tal-vettura u habat f'vettura ohra li kienet ipparkjata. Il-Pulizjia kellhom suspett li l-appellat kien qieghed isuq taht l-effett ta' l-alkohol u ghaldaqstant huwa ittiehed fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta sabiex issirlu breathalyzer test. Wara li nghata

s-solitu twissija, Farrugia accetta li jsirlu l-breathalyzer test illi rrizulta pozittiv b'rizultat ta' 045MG/100ML. Fuq dan ir-rizultat, il-Pulizija pprocedew kontra l-appellat u b'sentenza ta' 23 t'April ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat peress li ma kienux ittiehdu zewg kampjuni tan-nifs ghall-analizi, skond ma jitlob ir-regolament 6 (1) ta' l-LS65.16. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi dehrlu illi l-Qorti tal-Magistrat applikat il-Ligi hazina, ma kelliex tapplika dak ir-regolament izda r-regolament 7 (1) u dan 'l ghaliex intuza' instrument partikolari u cioe INTOXILYZER 8000 fejn isir kampjun tan-nifs wiehed. F'dan il-kaz allura, il-Qorti tal-Magistrati ma kelliex tillibera lill-appellat peress li l-Pulizija uzaw kampjun tan-nifs wiehed skond l-istess regolamenti.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li huwa punt ta' Ligi, l-Avukat Generali ghandu ragun. L-instrument uzat mill-Pulizija ghal kampjun tan-nifs kien dak stipulat mir-regolament 7 (1) fuq imsemmi fejn allura kampjun tan-nifs wiehed kellu jkun bizzejjed. U minn dan il-ghad, ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti kien zballjat. Pero l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni wkoll ir-rizultat u cioe dak ta' 45mg/100ml illi huwa border line case, ftit iktar gholi minn dak statutoriu ta' 35mg/100ml. WPS 33 B Valletta xhedet illi meta marret fuq il-post, hija sabet lill-appellat u wara illi hadet il-qisien u l-verzjonijiet kien l-istess appellat illi stqar maghha illi kien ghadu kif gej minghand it-tfalja tieghu fejn kienu qed jiehdu xi drink ghal zmien il-Milied u kien ghalhekk illi gie deciz li jsir it-test tal-breathalyzer. Imkien ma tghid illi xammet xi riha ta' xorb jew inkella l-appellat immanifesta xi kondizzjoni ta' sokor b'tali mod li kien seta' jaffetwa l-gudizzju tas-sewqan tieghu. L-appellat huwa idebitat bi tlett akkuzi illi saq vettura b'velocita' eccessiva, illi saq vettura meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u t-tielet talli saq vettura fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma alkohol fil-proporzjon tieghu fin-nifs ghola mill-limitu preskritt. Mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzzjoni illi gew ippruvati fi grad li trid il-Ligi l-ewel zewg akkuzi. Pero ghal

dak li jirrigwarda t-tielet akkuza, dan jista' jinghad li gie ppruvat ghad li huwa border line case peress li l-appellat acceda l-limitu preskritt mill-Ligi bi ftit.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa' nparti l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appella in kwantu, wara li rat l-Artikoli 15 A, 15 B tal-Kap 65 u l-Artiklu 127 ta' l-LS 65.11 ta' l-NVR tiddikjara li ma ssibx lill-appellat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u li minnhom tilliberah. Tiddikjarah hati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ghal multa ta' €200 u tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------